# Il-Mużika fil-Festa Maltija (VIII):
# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni [ir-raba' parti]



**Mro Manoel Pirotta**

DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fit-tielet parti ta' dal-artiklu li fih qed nittrattaw il-Marċ tal-Inkoranazzjoni laqqajtkom ma' tliet baned li ħadu isimhom b'turija lejn il-Familja Rjali. F'dir-raba' u l-aħħar parti se nlaqqagħkom ma' oħrajn fejn se nkomplu naraw kif dawn l-għaqdiet issemmew kif issemmew għax kellhom ġibdiet tradizzjonali lejn dak kollu li kien jikkonċerna l-Imperu Ingliż. Dan jgħodd l-aktar għal dawk il-baned li ħafna mill-membri tagħhom kienu jaħdmu t-Tarzna jew fuq il-frejgati navali. Fost dawn insibu ż-żewġ baned Ġirbin u dik Sengleana.

**Is-Soċjetà u Banda Ċittadina 'King's Own' [A.D. 1874] tal-Belt Valletta:**

Hija biddlet isimha kemm-il darba minn twelidha 'l hawn: minn *La Stella* għal *La Nazionale*, minn *La Nazionale Vincitrice* għal *His Royal Highness The Prince of Wales Band.* Dan l-aħħar isem ingħatalha wara li saret talba formali lill-Prinċep ta' Wales li, min-naħa tiegħu, aċċetta li jkun il-Patrun tagħha.

Mal-mewt ta' ommu, ir-Reġina Vittorja (1819-1901), kien imiss lill-Prinċep Albert (1841-1910) biex jilħaq Re bl-isem ta' Dwardu VII. Fuq xewqa tal-istess kumitat, huwa għażel li jibqa' l-Patrun tagħha u isem il-banda jinbidel *f'The King's Own Band.* Fl-1903 saret laqgħa storika fil-bitħa tal-Palazz il-Belt fejn ir-Re irregala l-istandard irjali lill-President tas-Soċjetà, bil-banda, taħt id-direzzjoni tal-Kav. Mro Alfred Hare Parkimon (1865-1932), iddoqq il-*God Save the King.*

Laqgħa oħra storika saret fl-1967 fil-ġonna ta' San Anton f'Ħ'Attard fejn ir-Reġina Eliżabetta II ippreżentat replika tal-istandard irjali lis-Soċjetà fil-preżenza tad-Duka ta' Edinburgu u l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien. Fl-1992 l-istess Reġina reġgħet onorat lis-Soċjetà waqt żjara li għamlet fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-monument tal-Qanpiena tal-Assedju fil-Belt Vaalletta.



Ir-Re Dwardu VII (1841-1910)

**Il-profil tar-Re Dwardu VII:**

Huwa twieled nhar id-9 ta' Novembru 1841 mill-Prinċep Albert u r-Reġina Vittorja. Fl-10 ta' Marzu żżewweġ lill-Prinċipessa Daniża Alessandra u minnha kellu sitt ulied, bil-kbir imut qasir il-għomor. Il-Prinċep ta' Wales inħatar Re fit-22 ta' Jannar 1901 wara l-mewt tar-Reġina Vittorja u baqa' jirrenja lir-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda u tad-Dominji Britanniċi, u bħala Imperatur tal-Indja, sa mewtu li ġrat fis-6 ta' Mejju 1910.

Żgur li għall-Ingliżi tal-klassi għolja din kienet l-era tad-deheb u baqgħet magħrufa bħala dik Edwardjana. Bħala mexxej l-aktar popolari, 'Bertie' – kif kien komunement magħruf – irnexxielu jsaħħaħ lil pajjiżu qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija.



Il-Prinċep Alfred – Duka ta' Edinburgu

**L-'Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own' [A.D. 1891] tal-Birgu:**

Fil-bidu nett li twaqqfet, kien jisimha l-*Għaqda Filarmonika 'Vittoriosa'*. Iżda fi żmien ir-renju tar-Reġina Vittorja, hawn Malta ħafna għaqdiet kellhom ġibdiet tradizzjonali ma' dak kollu li kien jikkonċerna l-Imperu. Fi kliem RMB[1]: 'Is-*Soċjetà Filarmonika Vittoriosa*, leali lejn il-familja rjali Ingliża, f'laqgħa ġenerali ġiet approvata għalenija deċiżjoni, li umilment titressaq talba lill-A.R.T. d-Duka ta' York – neputi tal-istess Reġina – sabiex kieku jonoraha billi jagħtiha s-sensja ġġib l-isem ta' *H.R.H. the Duke of York's Own Band.* Id-Duka approva t-talba f'ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 1895.'[2]

L-istess awtur ikompli jgħidilna: 'Il-membri tal-*Banda Duke of York* ħejjew uniformi ġdida biex jilqgħu lid-Duka u lid-Dukessa ta' York meta jaslu Malta [fuq il-jott irjali *HMS Ophir*]. Nhar it-18[3] ta' Marzu 1901, l-E.T. Gvernatur Ġenerali Lord Grenfell of Kilvey, fil-bitħa tal-Palazz, il-Belt, ippreżenta lill-Banda żewġ stendardi f'isem id-Duka ta' York. Ftit qabel nofsinhar, il-*Banda Duke of York* għaddiet minn Kingsway mal-ħbieb u l-ammiraturi ssamma' marċi brijużi...'[4] Għal dil-okkażjoni, il-Kav. Prof. Mro Raffaele Ricci kien ippreżenta lid-Duka xogħol minn tiegħu bl-isem ta' *Souvenir de Malte.*

RMB jkompli jżid jgħidilna li 'bil-mewt tar-Reġina [li ġrat fit-23 ta' Jannar 1901] u t-tlugħ fuq it-tron [ta' binha Edward], il-M.T. r-Re Dwardu VII, id-Duka ta' York sar Prince of Wales, werriet tat-tron. Il-banda *Duke of York*, marbuta b'rabta għoqda ta' mħabba u lealtà persunali lejn il-patrun irjali tagħha, talbet u qalgħet is-sensja biex iġġib l-isem ta' *H.R.H. the Prince of Wales' Own Band ...*'[5] It-talba tal-10 ta' Novembru 1901 ġiet ikkonfermata l-għada mill-Prinċep.



L-emblema tal-Banda Beltija King's Own




L-emblema tal-Banda Ġirbija Prince of Wales' Own



L-emblema tas-Soċjetà Maltija San Lawrenz




L-emblema tas-Soċjetà Mqabbija Re Ġorġ Ħamsa



Ir- Re Ġorġ V (1865- 1936)

1 Robert Mifsud Bonnici.

2 Mifsud Bonnici, Robert: 'Ġrajja tal-Baned f'Malta u Għawdex' – l-ewwel ktieb (Giov. Muscat, 1956), p. 52.

3 Gerald Cacciotolo jġib id-data tal-25 fil-ktieb 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex' (l-ewwel volum), p. 57.

4 Idem, p. 53.

5 Idem, p. 55.

ikompli f'paġna 26

# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni

ikompli minn paġna 16

**Is-'Soċjetà Mużikali San Lawrenz' [1883] tal-Birgu:**

Ħafna snin qabel ma ħadet l-isem ta' *Duke of Edinburgh* kien jisimha *La Vittoriosa*, anki jekk kulħadd kien jafha bħala l-*Banda Leone*. Dan kien bejn l-1862-82. Ġara, iżda, li wara xi snin din tħarbtet minħabba l-emigrazzjoni. Kien biss fl-1882 meta xi bandisti Ġirbin irritornaw lejn pajjiżhom, ingħaqdu mill-ġdid mal-banda u tawha l-isem ta' *La Palma*. Wara biss sentejn, il-banda reġgħet bidlet isimha għal *Unione*. Kien hawn fejn il-banda għamlet passi kbar 'il quddiem.

Sal-1891 ħafna membri saru jħobbu l-flotta Ingliża u spiċċaw jaħdmu magħha. Malli saru jafu biż-żjara f'Malta tal-Prinċep Albert, id-Duka ta' Edinburgu, tressqet petizzjoni biex iħallihom isemmu l-banda għalih. It-talba formali saret lill-Gvernatur ta' Malta li, min-naħa tiegħu, għaddieha lid-Duka nnifsu.

Fl-istess ħin, il-kumitat ħatar lil Sir Richard Duckworth-King (1840-1900), l-Ammirall tat-Tarzna, bħala viċi Patrun bl-għan li tkompli tissaħħaħ ir-rabta mat-Tarzna u d-dirġenti tagħha għall-ġid tal-istess ħaddiema.

Duckworth-King kien tant iħobbha li mhux l-ewwel darba li stedinha ddoqqlu. Barra minn hekk, il-bandisti setgħu jilbsu wkoll l-uniformi Ingliża. Il-banda tgħammdet bl-isem ta' *Duke of Edinburgh* proprju fid-29 ta' Diċembru 1891. Id-Duka reġa' żar pajjiżna f'Lulju 1892 fejn hi daqqet fuq il-frejgata *HMS Surprise* u ntlaqgħet tajjeb ħafna, kemm mid-Duka nnifsu, kif ukoll mill-uffiċjali kollha tal-flotta Ingliża f'Malta. Fl-1978 il-kumitat biddlilha isimha għal *Banda Vittoriosana 'San Lawrenz'*. Illum il-ġurnata jisimha *Banda Mużikali 'San Lawrenz' Belt Vittoriosa*.

**Il-profil tal-Prinċep Alfred, Duka ta' Edinburgu (1844-1900):**

Huwa t-tieni wild tar-Reġina Vittorja (1837-1901) u l-Prinċep Albert (1819-1861). Daħal fir-*Royal Navy* fl-1856 sa minn età żgħira. Tul il-karriera tiegħu, l-ewwel ġie promoss għal logutenent fl-24 ta' Frar 1863 fuq il-korvetta *HMS Racoon*, għal kaptan fit-23 ta' Frar 1866, u mbagħad appuntat għall-kmand tal-frejgata *HMS Galatea* f'Jannar tal-1867. Huwa laħaq Duka ta' Edinburgu fl-24 ta' Mejju 1866. Bejn l-1878 u l-1893 baqa' jiġi kull darba promoss f'karigi aktar għoljin, bl-aħħar waħda tkun bħala Ammirall tal-Flotta.

Miż-żwieġ tiegħu mal-Gran Dukessa Maria Alessandra (1853-1920), li kienet tiġi l-ħames wild u l-unika bint li għexet tas-sultan Alessandru II tar-Russja, kellhom tliet ulied, bit-tielet waħda, imwielda fl-1876, mgħammda bl-isem ta' Victoria-Melita.

**Is-'Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V' [A.D. 1910] tal-Imqabba:**

L-ewwel każin soċjali Mqabbi bl-isem ta' *Santa Marija* twaqqaf fl-1905. Ġara li fl-1910, f'Malta ġew iffesteġġjati festi kbar f'ġieħ l-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V. Kien hawn fejn, waqt laqgħa ġenerali li nżammet fil-każin, ittieħdet id-deċiżjoni li jissemma f'ġieħ ir-Re. Iżda kien biss fl-1944, li ċertu Ġużeppi Galea waqqaf l-*Orkestra Santa Marija*, b'Mro Espedito Deguara (1904-1994) bħala l-ewwel surmast-direttur. L-orkestra nbidlet f'banda formali fl-1946 waqt seduta ġenerali u ħarġet iddoqq għall-ewwel darba f'Ħadd il-Palm fid-29 ta' Marzu 1947.

**Il-Profil tar-Re Ġorġ V (1865-1936):**

Huwa twieled fit-3 ta' Ġunju 1865 mir-Re Dwardu VII u r-Reġina Alessandra. Fis-6 ta' Lulju 1893 iżżewweġ lil Marija ta' Teck (1867-1953), komunement magħrufa bħala 'May', u minnha kellu tlitt itfal. Għall-bidu, huwa xtaq jagħmel karriera fin-*Navy* Ingliża, iżda minflok spiċċa jieħu t-tron minħabba l-mewt ħesrem ta' ħuh Albert. Sar Re fl-1910 u kien ta' sostenn kbir għat-truppi fl-Ewwel Gwerra Dinjija.

**L-'Għaqda Mużikali Sant'Elena' [1919]:**

Fl-aħħar artiklu għedna kif il-banda l-oħra Karkariża, imlaqqma 'Tal-Agħma', kienet kisbet it-titlu ta' *Duke of Cannaught's Own* wara li l-Prinċep Arthur tahom il-permess tiegħu. Iżda kif se naraw, kienet il-banda l-oħra, dik 'Tal-Bagri', li tħajret l-ewwel iġġib ismu.

Għall-bidu li twaqqfet kien jisimha *Filarmonika Sant'Elena* (1865). Ironikament, maż-żmien li biddlet isimha għal *Alleanza*, kienet seħħet il-firda bejn il-bandisti li min-naħa tagħhom waqqfu l-banda *La Stella*, imlaqqma 'Ta' Ħamsa'. Minħabba f'hekk, fl-1899 reġgħet għall-isem oriġinali. Ġara li, fl-1903 ġiet mistiedna biex iddoqq programm fil-palazz ta' San Anton fil-preżenza tad-Duka ta' Connaught li rnexxa ħafna.

Minn dakinhar 'il quddiem bdiet iġġib l-istandard tiegħu, filwaqt li l-kumitat talbu biex tibda ġġib ismu, b'dan tal-aħħar jaċċetta dil-proposta. Iżda l-poplu Karkariż qatt ma seta' jaċċetta l-fatt li isem il-banda, minn wieħed f'ġieħ il-patruna tagħhom, jinbidel f'ta' wieħed li ma kienx iħaddan l-istess reliġjon. U għal dan tqajmu ħafna protesti sakemm fl-aħħar isimha treġġa' lura għal dak ta' qabel. Dan kien jimmarka t-tieni twaqqif tagħha.